MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2014

Numru. 68/2006

**Artikoli 86, 87 (1) (e), 261 ( a) (b) u (c), 262 (b), 263 (a) (b), 264, 265, 266, 267, 270, 271 (g), 277, 278, 279 (a), 280, 281, 325 (1) (b), 532A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9,**

**Artikoli 13 (1) u 26 (a) 55 (a) tal-Ordinanza tal-Armi,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Maġistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Silvio Valletta)**

**(Spettur Ramon Cassar)**

**vs**

**CLAYTON CREMONA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CLAYTON CREMONA** ta' 20 sena, iben Francis u Therese xebba Attard, mwieled Pieta nhar is-26 ta' Awwissu, 1985 u residenti No. 4, Triq il-Bilbla, Mosta detentur tal-karta tal-identita' 442185(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat:

a) Talli f'Hal Tarxien nhar it-28 ta' Ottubru 2005, ghall-habta ta' 3.40 ta' wara nofs in-nhar flimkien ma' persuna ohra kkommetta serq ta' somma flus mill-fond "St Rita Service Station" sitwat fi Triq tal-Barrani, liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur li jiskorri l-mitt lira maltin izda ma jiskorrix l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' Azzopardi Micheal;

b) u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew ssekwestra lill-impjegati ta' "St Rita Service Station" u persuni ohra kontra l-volonta' taghhom;

c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt ta' serq, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

d) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr arma cioe' senter minghajr licenza tal-Kummisarju tal-Pulizija;

e) Talli f'B'Kara nhar 28 ta' Ottubru 2005 f'xi hin matul il-lejl fi Triq in-Naxxar, ikkometta serq ta' vettura ta' ghamla Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni KAE 239, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, hin, valur li jiskorri l-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin u x-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Saviour Baldacchino;

f) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri Lm50 u li saret ghad-detriment ta' Saviour Baldacchino;

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat immarkat bhala Dok. C a fol. 7 u l-fedina penali tal-imputat a fol. 8 u 9 tal-Process.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-13 ta' Marzu 2007 (fol. 106) u rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti kif registrat fl-atti fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2010 (fol. 134).

Illi nhar it-2 ta' Frar, 2006 xehed l-**Ispettur Silvio Valletta** u spjega li nhar it-28 t'Ottubru 2005 il-pulizija kienet giet infurmata li kien sehh *hold-up* gewwa Service Station bl-isem ta' St. Rita sitwata fi Triq Tal-Barrani, Hal-Tarxien. Huwa kien mar fuq il-post u kif wasal kellem lis-sid tal-pompa certu Micheal Azzopardi fejn dan qalilhom li hu kien qieghed gewwa u waqt li kien ghaddej ix-xoghol normali sema' kommozzjoni ta' xi hadd qisu qed jghajjat, l-ghajjat beda jizdied, hareg barra u nnota persuna li kienet mghammda u kellha arma ppuntata lejn il-*pump attendant* tieghu u f'hin minnhom ra wkoll lil din il-persuna tiehu l-*pouch* li kellu l-flus fiha, jitla' f'karozza kannella tal-marka Mazda 323 u jitilqu biha 'l hemm. Huwa kellem ukoll lill-*pump attendant* Max Wayne Camilleri u dan qallu li waqt li kien qieghed xoghol waqfet Mazda 323 ta' kulur *beige* u li minnha hareg persuna li kienet mghammda u li kellu arma f'idejh u dana talbu l-*pouch*. Dan qallu li jekk jaghtih il-*pouch* ma kienx jinqala' inkwiet u ma kien ser jigrilu xejn.

Gew infurmati wkoll illi l-pompa tal-*petrol* kienet mghammra b'diversi CCTV *cameras*. Fil-fatt huma raw dawn il-filmati u minnha setghu jindunaw li l-vettura vera kienet Mazda 323 u n-numru tar-registrazzjoni kien dak ta' KAD 239. Illi minn aktar investigazzjonijiet li ghamlu rrizulta li din l-istess vettura kienet giet irrapurtata nieqsa nhar it-28 ta' Ottubru fil-hinijiet bikrin ta' filghodu ghall-habta tas-saghtejn (2.00am) meta s-sid induna li l-karozza ma kinitx hemm. Fil-fatt is-sid li huwa wkoll sid ta' hanut bl-isem ta' Four Seasons kellu s-CCTV *cameras* u fil-fatt dan juri zewg (2) persuni qed jisirqu din il-vettura.

Aktar tard il-pulizija rceviet informazzjoni illi Max Wayne Camilleri li kien il-*pump attendant* dakinhar li gara l-*hold-up* setgha kien involut f'din il-*hold-up*. Fil-fatt huma kien baghtu ghalih u arrestawh u dan kien qalilhom li hu kien dipendenti mid-droga u li kien ghamel xi zmien kien ipoggi Hal-Qormi f'*bar* fejn l-iskola u hemmhekk sar jaf lil Clayton Cremona. Fil-fatt darba fost l-ohrajn dejjem skond Max Wayne, Clayton Cremona kien mar fuqu xi jumejn qabel ma gara l-*hold-up* u kien qallu biex imur fuqu armat Clayton, jaghtih il-*pouch* u l-flus li hemm jaqsmuhom biss Max Wayne Camilleri ma kienx ried li jsir dan. Fil-fatt Max Wayne Camilleri kompla jghid illi meta sar il-*hold-up* hu nduna li kien Clayton Cremona. Fil-fatt filghaxija meta mar Hal-Qormi, Max Wayne Camilleri kien iltaqa' ma’ Clayton Cremona, qallu biex jirkeb fil-karozza mieghu u kif rikeb Max Wayne Camilleri qallu mela xorta ghamiltha, Cremona qallu xoghlok oqghod kwiet u titkellimx u tah hamsa u tletin lira (Lm35) biex imur jinqeda u qallu sakemm izzomm halqu maghluq ma’ kien ser jigri xejn.

Fil-fatt irrizultalu li Max Wayne Camilleri hadhom il-hamsa u tletin lira (Lm35) u baqghu ghaddejjin, u ma regghux iltaqghu. Max Wayne Camilleri kompla jghid ukoll li Clayton fakkru li ghandu familja kbira u li jekk imur iparla l-familja tieghu kienet tpattilu ghal dak li ghamel. Sussegwentement minn din l-informazzjoni Clayton Cremona gie arrestat u nvestigat u meta l-pulizija kellmuh u kkonfrontawh b'dawn il-fatti baqa' jghid li hu ma’ jaf lil hadd u kompla jghid li hu ma ghamel xejn u qal ukoll li hu ma kienx seraq la karozza u lanqas ghamel *hold-up* fl-imsemmija *petrol station*. Spjega li sid il-pompa tal-*petrol* kien irrapporta li s-somma misruqa kienet dik ta' hames mija u disghin lira (Lm590) li kienu fil-*pouch* li juza l-*pump attendant*. Clayton Cremona rrilaxxja stqarrija fl-24 ta' Jannar, 2006. Huwa nghata s-solitu twissija li mhux obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jitkellem u dak li ser jghid setgha jingieb bhala prova. Hu ghazel li ma jiffirmax. Gharaf il-firma tieghu, dik ta' l-Ispettur Ramon Cassar, liema stqarrija tikkonsisti fi tlett (3) faccati u giet immarkata bhala Dok SVP 1. Gharaf lil Clayton Cremona bhala l-istess Clayton li hu kellem dakinhar fl-ufficcju tieghu.

Illi nhar it-2 ta’ Frar, 2006 xehed **Michael Azzopardi** u spjega li hu proprjetarju ta' pompa tal-*petrol* gewwa Hal-Tarxien u jisimha St Rita Petrol Station. Spjega illi f'Ottubru tas-sena 2005 kien qieghed gos-*service station* tieghu u kien qieghed jaqdi xi klijenti u hu sema’ l-ghajjat fuq barra u dak il-hin hu kien qieghed fil-hanut u dan l-ghajjat kien gej miz-zona fejn in-nies jiehdu l-*petrol*. Sakemm huwa kien qed jaqdi l-klijent dan l-ghajjat beda jizdied u hu hareg barra biex jara x'kien qed jigri. Kif hu wasal fuq il-pompi huwa ra persuna b'senter f'idejh u hu dawwar wiccu biex jara din il-persuna lejn min kien qieghed jipponta s-

senter u nnota li l-persuna kienet qieghda tipponta s-senter lejn Max Wayne li huwa mpjegat mieghu u li dak il-hin kien qed jaghti l-*petrol* lin-nies. Huwa rega' hares lejn il-persuna tas-senter u nduna illi wiccu kien mghammad. Huwa rega' hares lejn Max Wayne u nduna li l-*pouch* tal-flus ma kienx qieghed fuqu. Dak il-hin induna illi kienet *hold-up* u hu sakemm dar biex ihares lejn il-persuna li kellha l-arma dan kien lahaq telaq. Din il-persuna li kellha l-arma huwa rah sejjer f'karozza u din il-karozza kienet *beige* u qisha kannella car. Huwa ghajjat ghajta biex kulhadd jippikkja n-numru ta' din l-karozza u gabru n-numru tal-karozza. Huwa kiteb in-numru ta' din il-vettura u dahal jigri gewwa jcempel l-ghassa. Cempel l-Ghassa ta' Hal Tarxien u malli cempel l-Ghassa ta' Rahal Gdid qalulu li kienu diga' cemplulhom l-Ghassa ta' Hal Tarxien. Huwa mbaghad dar mal-lavranti ghax dawn kienu qeghdin b'xokk fuqhom u ftit wara gew il-pulizija. Spjega illi huwa ghamel il-kont dwar l-ammont ta' flus nieqes u nfurma lill-pulizija b'dan. Kien hemm hames mija u disghin liri Maltin (Lm590) neqsin.

Illi nhar it-2 ta' Frar, 2006 xehed **Max Wayne Camilleri** u spjega li huwa jahdem fil-pompa tal-petrol Tal-Barrani Road u din ghandha l-isem '*St Rita Service Station'*. Kemm dam jahdem hemmhekk kienet grat serqa u spjega illi fix-xahar ta' Ottubru 2005 pero' ma jiftakarx ezatt kienet grat din is-serqa u din grat fil-pompa ta' fejn kien jahdem hu u cioe' 'St Rita Service Station'. Dan kien ghall-habta ta' xi l-erbgha ta' wara nofsinhar (4.00pm). Huwa dak il-hin kien qed jaghti l-petrol lill-vettura, mar bniedem fuqu li kellu senter f'idejh u dan talbu biex jaghtih il-flus. Dan spjega illi kien ragel u fil-fatt spjega illi kien guvni. Huwa talbu biex jaghtih il-flus. Dan kien liebes *jeans*, wiccu kien mghotti b'xi speci ta'

*tights*. Huwa kellmu bil-Malti u talbu l-flus u beda jghidlu “tini l-flus ghax nispara”. Din il-frazi qalielu xi darbtejn. Spjega illi hu kellu l-flus li kienu qeghdin gol-*pouch* u hu qala’ l-*pouch* u ghaddieh lil dan il-guvni. Spjega illi mbaghad dan il-guvni rah jidhol go karozza u kien hemm persuna li kien qed isuq. Ix-xufier kien ukoll liebes *tights* go rasu u l-karozza kienet Mazda 323 li kienet ta’ kulur kannella. Spjega illi n-numru tal-vettura msemmija haduh, pero’ ma jiftakrux bl-amment imma jaf li kitbuh u siehbu li fis-sens illi l-persuna li kienet qed tahdem hemm mieghu pero’ ma jafx x’jismu kien ha n-numru u kitbu fuq karta. Spjega illi f’din il-*pouch* tieghu kien hemm flus pero’ kemm kien hemm ma jafx bl-ezatt.

Ikkonferma li l-pulizija kienu baghtu ghalih u hu lill-pulizija qalilhom illi hu qabel kien jinzel Hal Qormi minhabba problema tad-droga u kien jiltaqa’ ma’ nies differenti. Hu kien iltaqa’ ma’ persuni li kienu qalulu biex isir *hold-up* f’dan is-*service station* u cioe’ *f’St Rita Service Station*. Kienu xi gimgha u naqra qabel ma effettivament sehh dan il-*hold-up* illi dawn il-persuni qalulu dan id-diskors. Dawn il-persuni huma Clayton Cremona u kien hemm iehor li l-iehor ghandu l-laqam il-Baglu pero’ spjega illi kien Clayton Cremona li kien qallu dan il-kliem dwar il-*hold-up* biex isir *f’St Rita Service Station*. Spjega illi dan Clayton Cremona gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla.

F’dan l-istadju gie mwissi mill-Qorti li hu mhux obbligat jirrispondi ghall-ebda domanda li ser issirlu izda jekk jaghzel li jixhed dak kollu li jghid jitnizzel bil-miktub u jista’ jingieb bhala prova kontra tieghu. Iddikjara li hu ghazel li jixhed pero’ jirriserva li ma jirrispodiex ghad- domandi li

jistghu jinkriminawh. Huwa kien imur Hal-Qormi u dan kemm qabel ma sehh il-*hold-up* u anke wara li sar il-*hold-up*. Huwa ltaqa’ ma’ Clayton Cremona u fil-fatt spjega illi dakinhar stess li kien sar *hold-up* iktar tard filghaxija kien iltaqa’ mal-imputat Clayton Cremona u huwa qallu mela xorta gejt taghmel il-*hold-up* u hawnhekk xtaq jippreciza li hu lil Clayton bhala l-persuna li kellu s-senter u ghamel il-*hold-up* hu mill-istatura tieghu kien gharfu u mill-persuna tieghu wkoll kien gharfu li kien hu bis-senter u ghamel il-*hold-up* **(**sottolinear ta’ din il-Qorti). Clayton Cremona fuq domanda li ghamillu hu, kien qallu tinkwieta xejn, qallu li lilu mhu ser jigrilu xejn u huwa dak il-hin ried jaghtih hamsa u tletin lira (Lm35) u l-ewwel hu m’accettahomx. Spjega illi pero’ dan Clayton Cremona baqa’ jinsisti li hu dawn il-flus jehodhom u kellu jehodhom bilfors. Imbaghad hu ha l-flus u mar l’hemm. Qabel telaq Clayton Cremona lilu qallu oqghod attent u lilu qallu wkoll biex ma jitkellem xejn.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega illi hu dan id-diskors li qal illum lill-Qorti kien qalu lill-pulizija u l-pulizija kien qalulhom meta huma baghtu ghalih. Spjega illi wara l-*hold-up* il-pulizija meta kien ghadu l-*patrol station* dakinhar tal-*hold-up* kienu staqsewh jekk hu kienx gharaf il-persuna li kienet qed taghmel il-*hold-up* pero’ hu kien imbezza’ u ma qalilhomx. Spjega illi fl-okkazzjoni mbaghad li hu qal lill-pulizija wara li kienu baghtu ghalih hu kien ghalkemm kien ghadu mbezza’ pero’ hu stqarr kollox mal-pulizija. Spjega illi kien xi xahar u xi haga wara l-*hold-up* illi l-pulizija kienu baghtu ghalih. Huwa lill-imputat Cremona kien jafu Hal-Qormi. Huwa kien jafu li dan kien jismu Clayton Cremona u kien jitkellem mieghu Hal-Qormi. Dan Clayton Cremona kien jafu fis-sens mhux bhala habib imma persuna li kien jaf Hal-Qormi. Spjega illi hu

qabel il-*hold-up* lil Clayton Cremona kien qallu li hu kien jahdem is-*St Rita Service Station*. Spjega illi hu lill-ohrajn li kien hemm bhala grupp li kienu jiltaqghu maghhom Hal-Qormi kien jghidilhom li hu kien ikun sejjer ix-xoghol u kienu jistaqsuh fejn u kien jghidilhom sejjer il-pompa tal-pertrol tal-Barrani. Bhala grupp gieli jkunu ghaxra (10) minn nies Hal-Qormi. Spjega illi minn fost dawk in-nies hemm min ghandhom bhala statura vuoldieri tul daqs l-imputat. B'referenza jekk hu gharafx lill-imputat meta kien qed jaghmel il-*hold-up* ukoll mil-lehen spjega illi mil-lehen ma tantx tista' taghrafha persuna. Qabel ma sar il-*hold-up* huwa gieli sema' il-vuci ta' Clayton Cremona u l-vuci tieghu kien jaghrafha.

Illi dan ix-xhud xehed ukoll fl-atti tal-inkjesta a tempo vergine ta' l-investigazzjonijiet mizmuma mill-pulizija u cioe' nhar il-31 ta' Ottubru 2005 u spjega li kienu jahdem f'din il-pompa ta' St Rita ghal dawk l-ahhar gimghatejn. Spjega illi l-gimgha 28 ta' Ottubru 2005 waqt li kien qed jaghti l-petrol kellu l-pouch bil-flus ma' zaqqu. Qal li f'xi hin sema lil Neville Baldacchino jghid "*M'hawnx ghal Alla*" u sema xi hadd minn warajh jghid "*aqla l-pouch".* Huwa dak il-hin dar u ra ragel b'lehnu daqsxejn ohxon b'senter f'idu ippuntat lejh u kien kwazi jmiss ma' sidru. Qal li kulhadd gholla jdejh min nies li kien hemm. Spjega li din il-pesuna kienet liebsa ngwanti u kellu tights bil-kaxxi kbar f'rasu ghax kien mghammad. Kien ftit mibni u kien liebes jeans u flokk bil-komma twila izda mxammra u jidhirlu li kellu xi cpiepet tal-fidda f'idejh. Ikompli jghid li din il-persuna baqghet tghajjat u tghid 'tini l-pouch ghax intajjarlek rasek'. Huwa beda jipprova jnehhi l-pouch u din il-persuna bdiet tghidlu biex ma jdumx ghax kienet ser ittajjarlu rasu. Qal li l-persuna kellmitu bil-Malti u lehnu kien naqra goff. Jghid li in segwitu dan gera ghal

karozza Mazda 323 Hatchback ta' kulur kannella u din il-vettura li kellha gja sewwieq fiha telqet tigri direzzjoni ta' Zejtun. Mistoqsi jekk kellux xi suspett partikolari f'min seta' kienet il-persuna nvoluta fl-incident jghid li ma kellux. Qal li l-hold up dam xi tlett minuti.

**Neville Baldacchino** msemmi minn Max Wayne Camilleri fix-xhieda li ta quddiem l-espert tekniku xehed fl-atti tal-inkjesta wkoll nhar il-31 ta' Ottubru 2005 u spjega li huwa jahdem bhala '*pump attendent'* ma Michael Azzopardi fil-pompa tal- petrol maghrufa bhal *St Rita* u kien ilu jahdem hemm ghal xi erba' xhur qabel l-incident. Qal li f'hin minnhom mar sabiex jaghti l-flus lil Max u ra vettura Mazda kulur kannella li kienet qed iddahhan li waqfet mal-linja tat-triq fuq barra. Qal li f'din il-karozza kien hemm zewg min nies u qal li wiehed minnhom nizel minnha u pponta senter lejh. Jghid li dan kien liebes qisu xibka u kellu ngwanti suwed, kien mibni u liebes T-shirt u jeans. Dan dar fuq Max u beda jghidlu 'tini l-pouch'. Jispjega li Max tahielu u dan telaq jigri fil-vettura li in segwitu saqet 'l hemm l-isfel in-naha taz-Zejtun. Jghid li huwa ha n-*number plate* taghha li kien KAE 239. Mistoqsi kellux xi suspett f'min seta kien li ghamel dan il-*hold up* jghid li ma kellux.

Stranament pero' dan ix-xhud ma tresssaqx il-Qorti mill-Prosekuzzjoni sabiex jipprova jidentifika lill-imputat bhala l-malvivent stante li l-malvivent kien vicin tieghu u ta deskrizzjoni ta' l-istatura tieghu.

Illi nhar it-2 ta' Frar, 2006 xehed **PS 947 Adrian Paul Vella** u spjega li qed jipprezenta l-okkorrenza mdahhla minnu u wkoll minnu ffirmata liema okkorrenza giet esebita u mmarkata bhala Dok APV 1.

Illi nhar id-9 ta' Marzu, 2006 xehdet **WPC 132 Rita Compton** u spjegat illi hija giet mitluba biex taghmel verifiki sabiex tara jekk Clayton Cremona detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 442185M huwiex licenzjat dwar armi, u dan taht l-*arms ordinance* u spjegat illi mill-verifiki li ghamlet personalment irrizulta li dan mhux registrat biex ikollu arma f'ismu.

Illi nhar l-10 ta' April, 2006 xehed **Saviour Baldacchino** u spjega li huwa kien ghamel rapport lill-pulizija stante li kienet insterqitlu l-vettura tieghu, vettura tal-marka Mazda liema vettura r-*registration number* ma jafux bl-amment. Il-karozza tieghu kienet qieghda pparkjata Naxxar Road u spjega illi din is-serqa sehhet bejn it-tmiem is-sena li ghaddiet 2005 u l-bidu ta' din is-sena 2006. Din il-vettura l-kulur taghha huwa *beige* u kif spjega l-karozza hija tal-marka Mazda. Spjega illi din il-vettura mbaghad instabet u baghtu ghalih il-pulizija. Huwa vverifika illi kienet il-karozza tieghu u raha d-Depot. Minn ezami li ghamel ta' din il-vettura tieghu d-Depot huwa ma rax li din kellha xi hsarat jew affarijiet nieqsa. Din il-vettura kienet ta' missieru, miet u hadha hu. Spjega illi din il-vettura llum tiswa' xi erba' mitt lira Maltin (Lm400). Meta kien xtraha missieru kien xtraha *second hand*.

Illi nhar it-18 ta’ Settembru, 2006 xehed **Robert Bugeja** u spjega illi ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati ppresenta nota tal-Avukat Generali flimkien ma’ nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u Process Verbal redatt mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Lawrence Quintano rigwardanti nkjesta dwar *hold-up* gewwa St Rita Petrol Station, Triq il-Barrani, Tarxien fit-28 ta' Ottubru, 2005. Din in-nota tal-Avukat Generali flimkien man-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-imsemmi Process Verbal gew esebiti u mmarkati bhala Dok RB1.

Illi nhar it-18 ta’ Settembru, 2006 xehed **Philip Zammit** u spjega illi in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Lawrence Quintano fl-inkjesta dwar *hold-up* gewwa *St Rita Petrol Station,* Triq il-Barrani, Tarxien fit-28 ta' Ottubru, 2005 ipprezenta r-relazzjoni tieghu li giet esebita u mmarkata bhala Dok PZ 1. Iddikjara li huwa fedelment u onestament qeda’ l-inkarigu moghti lilu u m'ghandux xi jnaqqas jew izid fir-relazzjoni tieghu.

Illi nhar il-25 ta’ Ottubru, 2006 xehdu **PS 1336 Jesmond Micallef** u **PS 1184 Patrick Grech** u spjegaw illi in esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilhom mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Lawrence Quintano fl-inkjesta dwar *hold-up* gewwa *St Rita Petrol Station*, Triq Tal-Barrani, Tarxien fit-28 ta' Ottubru, 2005 ipprezentaw ir-relazzjoni taghhom li giet esebita u mmarkata bhala Dok PJP 1. Iddikjaraw li huma fedelment u onestament qdew l-inkarigu moghti lilhom. Iddikjaraw ukoll li m'ghandhomx x'izidu jew inaqqsu ma’ din ir-relazzjoni taghhom.

Illi nhar il-25 ta' Ottubru, 2006 xehed **PS 36 Sergio Azzopardi** u spjega li huma kienu gew nominati mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Lawrence Quintano fl-inkjesta dwar *hold-up* gewwa *St Rita Petrol Station*, Triq Tal-Barrani, Tarxien fit-28 ta' Ottubru, 2005. Spjegaw li wkoll b'referenza ghar-relazzjoni taghhom li huma esebew fl-imsemmi Process Verbal ghamlu referenza minn fol. 8 sa fol. 12 tal-istess Process Verbal ikkonfermaw li din hija r-relazzjoni taghhom li tinsab inserita fil-Process Verbal li huwa mmarkat bhala Dok RB 1. Iddikjaraw li huma fedelment u onestament qdew l-inkarigu moghti lilhom u m'ghandhomx x'izidu jew inaqsu minn din ir-relazzjoni.

Illi nhar l-20 ta' Marzu, 2007 xehed **Dr Richard Sladden LL.D** u in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti Dr Lawrence Quintano fit-28 ta' Ottubru, 2005 fl-inkjesta dwar *hold up* gewwa St Rita Petrol Station sitwat fi Triq tal-Barrani, Tarxien fit-28 ta' Ottubru, 2005 ipprezenta relazzjoni tieghu liema relazzjoni qieghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok. RSP 1 u ddikjara li huwa fedelment u onestament qeda l-inkarigu moghti lilu.

Illi nhar it-28 ta' Jannar, 2008 xehed **Christopher Darmanin** u spjega li ghan-nom tal-ADT huwa gie mitlub biex jaghmel verifiki rigwardanti vettura r-*registration number* KAE 239 tal-marka Mazda 323 kulur *beige* u minn verifiki li ghamel irrizultalu li din il-vettura hija registrata fuq Saviour Baldacchino detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 140065(m) u ilha hekk mid-19 ta' Frar, 2003 u ghadha hekk sal-lum. Zied

jghid illi l-licenzja ta' din il-vettura ghalqet fl-ahhar ta' Novembru, tas-sena 2005 u ghadha mhux rinovata sal-lum.

Illi nhar it-13 ta' Frar, 2009 xehed **Malcolm Spiteri** u b'referenza ghal Dok. RB 1 li hija nota tal-Avukat Generali flimkien ma' nota tal-Kummissarju tal-Pulizija Process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Lawrence Quintano rigwardanti nkjesta dwar *hold up* gewwa *St Rita Petrol Station*, Triq Tal-barrani Tarxien fit-28 ta' Ottubru, 2005 ghamel referenza a fol. 4 tal-istess Process Verbal. Ikkonferma li dan huwa rapport li huwa kien ghamel lill-Magistrat Inkwirenti rigwardanti din l-Inkjesta u spjega li dak iz-zmien huwa kien Spettur tal-Pulizija u gharaf il-firma tieghu fuq l-istess rapport.

Illi nhar il-15 ta' Gunju, 2010 xehed l-**Ispettur Ramon Cassar** u spjega li gie muri dokument numru 20 li jikkonsisti fi stqarrija. Gie muri Dok. SVP 1 a fol. numru 20 li hija stqarrija li giet rilaxxata minn Clayton Cremona li gharaf bhala l-imputat f'din l-Awla nhar l-24 ta' Jannar, 2006. Huwa kien xhud waqt li s-Sur Valletta kien qed jaghmillu d-domandi. Spjega li Clayton Cremona nghata s-solitu twissija u f'din l-istqarrija hu ma ffirmax din l-istqarrija li tikkonsisti fi tlett (3) pagni. Gharaf il-firma tieghu, kif ukoll tas-Sur Valletta. Din l-istqarrija kienet wahda volontarja. Mistoqsi x'jaf iktar fuq dan il-kaz spjega li ftit granet qabel dik l-istqarrija huwa kien l-ufficcju mas-Sur Valletta fejn hemmhekk kien hemm certu Max Wayne Spiteri fejn qal li f'Ottubru, tas-sena 2005 wara nofsinhar kienet resqet karozza tat-tip Mazda kannella f'*St Rita Service Station* fejn huwa kien jahdem. Minn go din il-Mazda hareg persuna li kienet

armata b'senter kif ukoll kellu wiccu mghotti bi speci ta' *tights* fejn dan resaq fuqu u talbu l-flus. Fil-fatt hu kien tah, kien hadlu *pouch* li kien fih xi flus, ma jiftakarx ezatt l-ammont tal-flus li kellu.

Fil-karozza kien hemm persuna ohra wkoll u telqu minn fuq il-post. Dakinhar stess Max Wayne Spiteri kien mar Hal-Qormi fl-akwata ta' Farsina. Hu qalilhom li dak iz-zmien kellu problema ta' drogi u mar f'dawk l-akkwati ta' Farsina biex huwa jinqeda, jinqeda jigifieri biex jixtri d-drogi fejn hu resqu zewg persuni fuqu. Huwa rrefera ghal Clayton Cremona u ghal certu wiehed Jonathan Felice mlaqqam il-Basru li huwa minn Hal-Qormi fejn huma, fejn Clayton Cremona kien offrielu LM35 wara li huwa identifika ruhu li kien wiehed minn dawk li ghamel il-*hold-up* mal-Baglu fil-*petrol station* li ghadu kemm semma'.

Fil-bidu Wayne m'accettax il-flus imma s-Sur Cremona baqa' jinsisti mieghu u tahomlu. Fil-fatt jekk m'huwiex sejjer zball ittiehdet stqarrija fil-konfront ta' Wayne. Wayne ukoll gie mressaq il-Qorti jekk m'huwiex sejjer zball u nghata s-sentenza u kif ukoll xehed quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi nhar il-21 ta' April 2014 din il-kawza flimkien ma' numru iehor ta' kawzi gew assenjati lil din il-Qorti b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim Imhallef.

Illi din il-kawza giet appuntata quddiem din il-Qorti kif preseduta ghall-ewwel darba d-29 ta' Mejju 2014 u l-partijiet ezentaw il-Qorti mill-htiega li terga' tisma' mill-gdid ix-xhieda li kienu gja ddeponew u l-kawza giet differita ghall-4 ta' Lulju, 2014.

Illi fl-4 ta' Lulju 2014 dehru l-Ufficjal Prosekutur u l-imputat flimkien mal-avukat difensur tieghu li talab differiment sabiex ihejji d-difiza tieghu. F'dik is-seduta il-Qorti nnotat li l-kawza kienet ilha wieqfa sa mill-15 ta' Gunju 2010 u ghalhekk issollecitat il-partijiet sabiex jitrattaw il-kaz u ddiferiet il-kawza ghall-5 ta' Awwissu 2014.

Illi nhar il-5 ta' Awwissu, 2014 xehed **Clayton Cremona** u spjega li jiftakar illi diversi snin ilu kien cempillu l-Assistent Kummissarju Silvio Valletta u kien talbu biex imur id-Depot biex ikellmu. Dak iz-zmien kien ghadu Spettur. Kien staqsieh jekk huwa kienx jaf lill-persuna Max u fil-fatt kien qallu ma jafx jekk jafux jew le. Kien qallu li kienet saret xi serqa.

Spjega illi skond ma qallu l-Assistent Kummissarju Valletta dan Max kien qallu li huwa kien involut f'din is-serqa u spjega li mhuwiex minnu li huwa kellu x'jaqsam ma' din is-serqa. Huwa Max jaf min hu ghaliex xehed f'dawn il-proceduri pero' xtaq jghid li huwa qatt ma ghamilha mieghu. Kien jafu biss di vista Hal Qormi u ma jafx ghaliex ivvinta hekk fuqu.

Mhux minnu lanqas dak li qed jigi allegat lilu mill-Ispettur James Grech illi huwa kien qallu li huwa kien jaf min hu Max u kien ikollu xi jghid mieghu u gieli sawtu.

Illi fil-5 ta Awwissu 2014 deher l-imputat assistit mill-avukat difensur tieghu u l-ufficcjal prosekutur u wara li xehed l-imputat, saret it-trattazzjoni u l-partijiet talbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali ghal nhar il-25 ta' Awwissu 2014.

Ikkunsidrat.

Illi bhala fatti jirrizulta li allegatament Saviour Baldacchino kien irraporta li nsterqitlu l-vettura tieghu tal-ghamla Mazda ta' kulur beige u dan fil-perjodu tal-ahhar tas-sena 2005 u l-bidu tas-sena 2006. Mistoqsi x'kien in-number plate ta' din il-vettura jghid li ma jafx. Illi pero' l-Prosekuzzjoni resqet lil-espert tekniku Philip Zammit sabiex jixhed dwar is-serqa ta' din il-vettura u x'vettura attwalment kienet insterqet. Dan l-espert ikkonferma li l-vettura proprjeta' ta' Saviour Baldacchino hija vettura Mazda 323 ta' kulur beige u li din insterqet fit-28 ta' Ottubru 2005 ghall-habta tat-3.30 am minn Birkirkara u din instabet fit-3 ta' Novembru 2005 f'Rahal Gdid ghall-habta tat-8.30 am (vide fol. 80 sa 83 tal-atti tal-process). Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll rapprezentant ta' Transport Malta Christopher Darmanin sabiex jikkonferma li l-vettura bir-*registration number* KAE 239 tal-marka Mazda 323 ta' kulur *beige*

tappartjeni lil Saviour Baldacchino. Ghalhekk jirrizulta li l-vettura li nsterqet minghand Saviour Baldacchino ntuzat fil-hold up li sar fil-pompa tal-petrol St Rita. Dan qed jinghad ghaliex ix-xhud Neville Baldacchino jghid li l-vettura li kienet involuta fil-*hold up* li sar fil-pompa tal-petrol St Rita nhar it-28 ta' Marzu 2005 kienet Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni KAE 239. Illi pero' il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova lanqas remota li tista' torbot lill-imputat odjern mas-serqa tal-vettura in kwistjoni.

Illi dwar min seta' kien il-malvivent tal-*hold up* tal-pompa tal-petrol il-pulizija ressqet lill-imputat odjern u dan sempliciment a bazi tax-xhieda ta' Max Wayne Camilleri. Dan ix-xhud xehed fl-atti tal-inkjesta ftit granet wara l-incident u cioe' tlett ijiem wara meta' kien ghadu frisk fil-memorja u meta gie mistoqsi b'mod partikolari jekk kellux xi suspett f'min seta' kien il-malvivent jghid li ma kellux jghid biss li l-persuna kellha lehinha ohxon u kellha statura kbira. Illi pero' dan l-istess xhud gie mharrek bhala xhud sabiex jixhed viva voce quddiem il-Qorti quddiem l-imputat u dan fit-2 ta' Frar 2006 dan l-istess xhud ibiddel il-verzjoni tieghu fis-sens li jghid li gharaf lill-persuna li kienet involuta fil-hold up bhala l-imputat odjern. Jghid li kien gharfu mill-istatura tieghu. Izid jghid li xi gimgha qabel ma sar il-hold up kien iltaqa' mal-imputat li kien fil-kumpanija ta' Jonathan Felice mgharuf bhal il-Baglu u dawn qalulu li kien ser ikun hemm hold-up fil-pompa tal-petrol ta' St Rita. Ghalhekk dakinhar stess tal-hold-up kien mar Hal Qormi u ltaqa' mal-imputat u dan Camilleri kien staqsih jekk kienx hu li ghamel il-hold up fuq il-pompa u dan jghid li l-imputat tah hamsa u tletin Lira Maltin (Lm 35) u qallu sabiex ma jitkellem xejn. Jghid ukoll li ma riedx izomm il-flus izda fuq

insistenza tal-imputat zammhom. Mistoqsi in kontro-ezami meta xehed il-Qorti ghaliex ma kienx qal dan id-diskors lill-espert tal-Qorti meta xehed qabel fl-atti tal-inkjesta jghid li kien imbezza izda meta l-pulizija kienu baghtu ghalih ‘il fuq minn xahar wara jghid li kien qal kollox lill-pulizija. Anzi jghid li kien jaf lill-imputat sew u kienu jitkellmu dan nonostante pero’ meta’ xehed fl-inkjesta ma jsemmihx. Mistoqsi jekk kienx gharaf lill-imputat mil-lehen jghid li le u zied jghid li mil-lehen ma taghrafx persuna.

Huwa minnu wkoll li l-malvivent li ghamel il-hold up kellu arma tan-nar fuq il-persuna tieghu u cioe’ senter isserrat u l-Prosekuzzjoni ipprovat *ut sic* li l-imputat ma kellux licenzja sabiex izomm jew igorr arma tan-nar.

Ta’ min ifakkar li fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga. L-oneru tal-prova huwa mixhut fuq il-Prosekuzzjoni li qed takkuza [vide **Il-Pulizija vs Antonio Schembri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-dsatax ta' Dicembru, 1936].

Il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** - *pg. 234 Vol III* jghid:

*“Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa.*"

Ghalhekk din il-Qorti, bhal kull Qorti ohra, hija fid-dmir li ssib htija tal-imputat jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u li m'ghandha jkollha l-ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn l-provi jew bil-provi prodotti mid-difiza, ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu mmedjatament jigi ddikjarat liberat. Din hija l-prassi legali f'dan il-pajjiz [vide **Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha ta' April, 1992].

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Bhala konkluzzjoni tal-introduzzjoni, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati, kemm individwalment, kif ukoll komplessivament.

Illi din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti u cioe’ dik proposta minn Max Wayne Camilleri bhala xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, u dik proposta mill-imputat li jichad dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Din il-Qorti sfortunatament mhix qieghda f'posizzjoni vantaggjuza kif tkun is-soltu meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ma kienetx hi li ghexet il-process kollu tul medda ta' zmien u cioe’ hadet iz-zmien taghha sabiex tigbor u tisma’ viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita’ u veracita’ tax-xhieda prodotti quddiemha. L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**Artikolu 657 tal-Kap 9** huwa li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li tkun semghet u li taghmel apprezzament taghha ghal mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista’ jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita’ tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li hija rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti tal-fatti. Ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni kif traskritta fl-atti u dan sabiex tara liema verzjoni sejra taccetta u hu biss wara li tkun ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux id-dubji ragjonevoli fiha jew le.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Settembru 2002 fl-ismijiet

**Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfligenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura ghandu jillibera, jew jekk dan moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provediment iehor. Issa jekk il-Qorti thoss li hemm xhieda aktar kredibli minn ohra, tkun effettivament qed issib htija '*on a balance of probabilities*' u mhux ghaliex ikun hemm prova u ma jkollha ebda dubju dettat mir-raguni dwar il-htija tieghu.

Fil-fatt kif gie sottolineat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap 9** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnuta minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u verosimili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita'.

Illi ma hemmx dubju li din il-kawza tiddependi fuq kwistjoni ta' kredibilita' ta' xhieda principalment.

Illi fil-kaz in dezamina l-imputat qed jichad li huwa kien involut kemm fil-*hold up* li sar fi Triq il-Barrani fuq il-pompa tal-petrol St. Rita kif ukoll li seraq il-vettura Mazda 323 numru ta' registrazzjoni KAE 329 proprjeta ta' Saviour Baldacchino. Illi pero' min naha l-ohra l-Prosekuzzjoni ghandha xhud u cioe' Max Wayne Camileri li wara xahar li sar il-hold up jghid li gharaf lill-imputat bhala l-malvivent tal-hold up. Illi fic-cirkostanzi tal-kaz il-Qorti pero' mhix konvinta li kien l-imputat li ghamel il-hold up u dan ghaliex tara stramba li Max Wayne Camilleri tkellem xahar wara u mhux minn rajh izda ghaliex kienu baghtu ghalih il-pulizija. Il-Qorti hija konvinta li dan Max Wayne Camileri li hu stess jghid li kellu problema ta' droga kien involut fil-hold-up izda sabiex jesimi ruhu minnha qieghed jittenta iwahhal lil haddiehor. Hija stramba kif del resto Max Wayne Camilleri jghid li kien hemm diskors li sar fuq hold up f'pompa mill-imputat fil-presenza ta' terz Jonathan Felice u l-istess Prosekuzzjoni ma tressaqx lil din il-persuna gia mgharufa mal-pulizija sabiex tixhed u dan sabiex tittenta tikkolobora x-xhieda ta' dan Max Wayne Camilleri molto piu meta f'idejha gja kellha c-cahda tal-imputat. L-imputat min naha l-ohra baqa' konsistenti fix-xhieda tieghu u cahad dak li gie allegat fil-konfront tieghu. Ma hemm xejn li jorbot lill-imputat kemm mal-hold up kif ukoll mas-serqa tal-vettura Mazda salv fir-rigward tal-hold-up ix-xhieda ta' dan Max Wayne Camilleri. Il-fatt li dakinhar stess tal-hold-up Max Wayne Camilleri jghid li mar ikellem lill-imputat Hal Qormi u dan tah hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) u qallu biex ma jitkellimx u dan

zammhom izda wara xahar u nofs meta l-pulizija baghtet ghalih dehrlu li kellu jsemmi lill-imputat bhala l-malvivent hija xhieda dubjuza u zgur mhux konvincenti sal-grad rikjest mil-ligi ghas-sejba ta' htija.

Il-Qorti ghaldaqstant wara li rat l-**Artikoli 86, 87 (1) (e), 261 ( a) (b) u (c), 262 (b), 263 (a) (b), 264, 265, 266, 267, 270, 271 (g), 277, 278, 279 (a), 280, 281, 325 (1) (b), 532A, 532 B u 533 tal-Kapitolu 9, u l-Artikoli 13 (1) u 26 (a) 55 (a) tal-Ordinanza tal-Armi tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------